MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Rikors Ta Revoka Numru. 377/2007

Caroline **CAMILLERI** *sive* Camilleri Ċiappara

vs

Anthony *sive* Toni **CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-1 ta' Ottubru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, Anthony Camilleri talab li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat ta' Qbid kawtelatorju maħruġ kontrih mill-intimata minħabba li l-intimata "għandha garanzija biżżejjed għal kwalunkwe pretensjoni li jista' jkollha", minħabba li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* mistħoqq, minħabba li mhuwiex raġonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli li l-Mandat jinżamm aktar fis-seħħ u wkoll minħabba li l-istess Mandat inħareġ bla ma tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 284 tal-Kodiċi tal-Proċedura u dan iwassal biex il-Mandat huwa irritu u ma jiswiex; (b) f'każ li tqis li m'hemmx raġunijiet għaliex tħassar il-

Mandat, allura tikkundanna lill-intimata tħallas penali, jew li tressaq garanzija tajba għall-ħlas tal-penali u d-danni u l-imgħax li huwa jista' jġarrab, fin-nuqqas ta' l-għoti ta' liema garanzija l-Mandat jitħassar; u (ċ) li f'kull każ, jekk l-ewwel żewġ talbiet ma jintlaqgħux, li jitħalla jibqa' jinqeda bil-ħwejjeġ maqbuda "mingħajr xkiel";

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tas-16 ta' Ottubru, 2007, u ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti Caroline Camilleri fis-16 ta' Ottubru, 2007, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, saħqet li l-Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Ir-rikorrent irid li din il-Qorti tħassar Mandat ta' Qbid kawtelatorju li martu ħarġet kontrih fis-17 ta' Awissu, 2007, u dan għal raġunijiet kemm ta' forma tal-att u kif ukoll minħabba ċirkostanzi li huwa jgħid għandhom iwasslu biex il-Mandat ma jibqax fis-seħħ;

Illi min-naħa tagħha, l-intimata esekutanti ikkontestat bil-qawwa kollha (iżda b'paraguni ma' każijiet oħrajn li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ tal-lum) kull waħda mit-talbiet magħmulin minn żewġha r-rikorrent eżekutat;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti juru li l-Mandat inħareġ fis-17 ta' Awissu, 2007, għas-somma ta' ħamsa u sebgħin elf lira Maltija (Lm 75,000) rappreżentanti sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u l-ġid parafernali tagħha, skond

pretensjonijiet li hija ressqet f'Rikors Maħluf matul l-2006[1]. L-eżekuzzjoni ntalbet fuq opra tal-baħar bl-isem "*Sweet Carol*" u fuq vettura tal-għamla *Tata Sumo*, reġistrata ANT-067. Il-Mandat ġie eżegwit fl-20 ta' Awissu, 2007, fl-indirizz tar-rikorrent fiż-Żurrieq. Minħabba li l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet konsinnatarju, l-ħwejjeġ maqbuda baqgħu f'idejn ir-rikorrent eżekutat, li (sal-10 ta' Ottubru, 2007) naqas ukoll li jrodd il-*log book* tal-lanċa u tal-imsemmija vettura. Fl-istess jum li l-Mandat ġie eżegwit, l-intimata talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra l-istess lanċa[2] Ir-rikors tressaq fl-1 ta' Ottubru, 2007;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma' dan il-każ</u>, il-Qorti ssib li r-rikorrent għażel li jibni t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat fuq żewġ argumenti: l-ewwel wieħed iqanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-Mandat minħabba nuqqas ta' ħarsien tal-forma u t-tieni wieħed fuq ċirkostanzi li huwa jqis li għandhom iwasslu biex il-Mandat, f'każ li ma kienx null, xorta waħda jitħassar;

Illi **dwar il-kwestjoni tas-siwi tal-Mandat**, ir-rikorrent isemmi l-artikolu 284 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent jgħid li d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu ma tħarsux fil-Mandat li nħareġ kontrih. Hu jgħid li dan iwassal biex il-Mandat jitqies ma jiswiex u irritu. Ir-rikorrent m'għandux raġun: l-ordni msemmi fl-artikolu 284 kien jagħmel parti mill-Mandat in kwestjoni kif wieħed jista' mill-ewwel jara fl-Ordni għall-ħruġ tal-istess Mandat taħt il-firma tal-imħallef li ordna dak il-ħruġ u fejn il-kliem tal-artikolu 284 huwa fedelment riprodott;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx dan l-ilment tar-rikorrent bħala wieħed mistħoqq;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrent isejjes it-talbiet tiegħu.** Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ

[1] Rik. Maħ. 253/06NC imressaq fit-2 ta' Awissu, 2006
[2] Mandat 237/07GC

meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi r-rikorrenti jsemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jintlaqgħu:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti jgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti tinsab fid-dar taż-żwieġ li l-istess intimata għadha qegħda tgħix fiha. Skond ir-rikorrent, dan il-ġid immobbiljari għandu jkun biżżejjed biex kull pretensjoni ta' martu tista' tiġi sodisfatta. Jidher li huwa aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess intimat eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor";

Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li d-dar taż-żwieġ inkisbet matul miż-żwieġ u għalhekk l-intimata hija titolari ta' nofsha. Minbarra dan, jidher li għad fadal xi dejn fuqha li jrid jitħallas. L-intimata żżid tgħid ukoll li l-pretensjonijiet tagħha għas-sehem mill-komunjoni u mill-ġid parafernali (kif imressqa fil-Mandat) jaqbeż, f'kull każ, sehem ir-rikorrent mill-imsemmija dar, b'mod li tabilfors riedet iddur fuq ġid ieħor li jista' jkun li wkoll għandha sehem minnu;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma joħroġx b'mod ċar li tassew teżisti garanzija xierqa oħra biex tassigura biżżejjed il-pretensjonijiet tal-intimata u għalhekk issib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandat;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Ir-

[3] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

rikorrent eżekutat ma jsemmi bl-ebda mod kif il-Mandat maħruġ kontrih jikser din id-dispożizzjoni tal-liġi, ħlief li jgħid li qiegħed jikkawżalu "*hardship*" u "danni materjali bla bżonn";

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[4]. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[5] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi mill-bqija r-rikorrent ma semma xejn iżjed biex juri li l-ammont pretiż mill-eżekutanti martu jmur lil hinn minn dak li jista' jkun lilha dovut jew li s-somma msemmija ntefgħet għal sieqha bl-addoċċ;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-

[4] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[5] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[6]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-pretensjoni intimata eżekutanti ma tirriżultax, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[7]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimata eżekutati;

Illi dwar din il-kawżali, r-rikorrent jidher li jtenni r-raġunijiet miġjuba dwar il-kawżali ta' qabilha. Iżda diġa' ngħad li d-disaġju fih innifsu li jħoss l-intimat eżekutat m'huwiex ċirkostanza li tagħmel irraġonevoli ż-żamma fis-seħħ ta' Mandat. Irid ikun jidher mad-daqqa t'għajn li, minħabba ċirkostanzi partikolari, ma jkunx iżjed għaqli jew meħtieġ li l-Mandat jinżamm fis-seħħ bla ebda ħsara għall-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti. Biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent ma ressaqx l-iċken prova li turi li, minn mindu nħareġ il-Mandat sal-lum, inbidlet xi ċirkostanza li tiġġustifika li ssir reviżjoni tad-deċiżjoni li l-Mandat jinħareġ jew jinżamm fis-seħħ;

Illi, fuq dawn il-motivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

---

[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

[7] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi, naturalment, il-Mandat ta’ Qbid taħt eżami dejjaq lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m’huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li “jiffriża” l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi mbagħad, fil-każ preżenti, r-rikorrenti ma tilifx il-pussess fattwali tal-ħwejjeġ maqbudin bil-Mandat. Għalkemm bis-saħħa tal-Mandat, il-pussess ġuridiku talkarozza u l-lanċa għadda f’idejn ir-Reġistratur, ir-rikorrent għadu jista’ jużahom, sakemm dan isir fil-parametri stretti li jippermettu l-Mandat u d-dmirijiet imposti li jara li b’dak l-użu ma jagħmel xejn li jgħarraq il-valur tal-ħaġa maqbuda jew itellef jew inaqqas il-protezzjoni li trid tingħata lil min talab il-Mandat;

Illi wieħed għandu jqis ukoll li, qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, ma kien mogħti l-ebda rimedju bħal dak mitlub illum mill-kumpannija rikorrenti għat-tneħħija ta’ Mandat, sakemm kien ikun ġie mistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent jista’ jkun li qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b’dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa’ fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f’dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta’ Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li

tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[8];

Illi r-rikorrent eżekutat talab ukoll **żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat** ta' Qbid taħt eżami. Talab l-ewwelnett il-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[9]; u talab ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimata eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrent jista' juri li ġarrab minħabba l-Mandat[10]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[11]. F'dan il-każ, ir-rikorrent ma semma l-ebda waħda minnhom b'mod speċifiku, imma jsemmi li martu kisbet il-Mandat "b'malizzja, bi frivolezza u vessatorjeta'". Dawn huma l-kliem li wieħed isib fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kodiċi;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, ir-rikorrent jgħid li l-ħruġ tal-Mandat kien malizzjuż, frivolu u vessatorju għaliex il-ħsara li qegħda ssirlu m'hijiex mistħoqqa skond il-liġi u għaliex martu ħarġet il-Mandat bħala "pass fis-sensiela ta' atti ta' pika sfrenata" li għandha kontrih u li bihom qegħda tagħmillu ħsara bla bżonn u "li finalment ha jirrivertu lura lilha". Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimata eżekutanti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex titolob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-

---

[8] Art. 836(9) tal-Kap 12
[9] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[10] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[11] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrent. Minbarra dan, il-Mandat inħareġ fil-kors ta' kawża ta' firda personali x'aktarx akrimonjuża u motivat mill-biżgħa li l-intimata tgħid li għandha li r-rikorrent ibigħ il-karozza maqbuda (li hija taqbel li hija ġid partikolari tiegħu) u li jsalpa minn Malta bil-lanċa flimkien mal-persuna li hija tgħid li qiegħda tgħix miegħu;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li qagħda bħal din hija kollha mistħajla jew li min ikun fiha jista' jitqies li aġixxa b'leġġerezza. F'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[12]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[13];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimata eżekutanti għandha tkun kundannata tħallas penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess rikorrent li 'lquddiem u fis-sedi opportuna jressaq pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom dik il-Qorti kompetenti tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward;

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent naqas li jressaq xi sottomissjoni partikolari, jew li jsemmi raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tiegħu;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod

[12] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[13] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

għadu fis-seħħ[14]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[15]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[16], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[17] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk f'dan il-każ, ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent Camilleri billi:
**Tiċħad l-ewwel żewġ talbiet** tiegħu billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti;

**Tipprovdi dwar it-tielet talba** billi tippermettilu jibqa' jinqeda bil-karozza u bil-lanċa b'mod li ma jagħmel xejn biex inaqqas jew ixejjen il-valur tagħhom jew il-garanzija li huma mistennija jagħtu lill-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti, u sakemm użu bħal dan ma jmur bl-ebda mod kontra l-liġi jew l-effetti tal-Mandat sakemm idum fis-seħħ;

---

[14] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[15] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[16] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[17] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

Fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż ta’ din il-proċedura** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, is-26 ta’ Ottubru, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------